Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2011

Numru. 475/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR M'STELLA ATTARD**
**VS**
**JOSEPH DEBONO**
**LUIGI FENECH**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Debono ta' 59 sena, iben Gaetano u Josephine nee' Pullicino, imwieled Marsa, fil-31 ta' Marzu 1949, u residenti 21B, St. Micahel Str., Rabat u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 294449(M).

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Luigi Fenech, iben Giuseppe u Rosaria nee' Grech, , imwieled Lija, data tat-twelid 22.08.1936 u residenti numru 25, 'Hail Mary', Triq Nerik Mizzi, Mosta u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 621336(M).

Illi huma akkuzati:

Talli nhar l-14 ta' Novembru, 2008 u fiz-zminijiiet ta' qabel din id-data, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnhom fi zminijiet differenti li kisru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li kienu maghmulin b'rizzoluzzjoni wahda, bhala l-persuni responsabbli, hadmu bhala agenzija ta' gwardjani privati jew hekk offrew s-servizzi taghha gewwa l-fond numru 152A, Triq l-Isperanza, Mosta u/jew fil-fond numru 33, Giacchino Navarro Str, Msida, minghajr licenzja skond id-disposizzjoni ta Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi impjegaw u hadmu jew ippermettew l-uzu ta' servizzi ta' gwardjani privati liema servizzi ma nghatawx minn agenzija ta' gwardjani privati jew minn gwardjani privati, skond il-kaz, li ghandhom licenzja taht id-disposizzjoni ta' Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta'Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.6) u dak ta' l-imputat (a fol.12 u 13) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Gew ezebiti memorandum and *Articles of Association* tas-Socjeta *Kavallier Security Services Limited* document X (a fol 16) minn Amanda Galea tal-Malta *Financial Services Authority*.

Mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-Pulizija irceviet rapport mid-Direttur Johann Baldachino Romano, f'isem il-kumpanija *Personal Security Services Limited*, fis-sens li kien hemm kumanija ohra u cioe *Kavallier Security Services Limited* illi kienet qeghda timpjega *security personel* minghajr il-licenzji skond il-Ligi.

Illi l-Ispettur Maria Stella Attard ghaldaqstant kienet baghtet ghal imputat Joseph Debono li irrellaxxa stqarrija Dok MSA ,a fol 69 et seq. F'din l-istqarrija l-imputat xhed illi jahdem bhala *Operations Manager* fis-Socjeta fuq imsemmija li kellha l-officini l-Imsida, liema socjeta kienet qeghda topera u kienet koperta b'polza ta sigurta. L-imputat Debono stqarr li Baldachino Romano ghalkemm kien direttur kien biss *figure head* ghas-Socjeta.

PC 443 iproduca licenzja tal -Pulizija f' isem Joseph Debono, in raprezentanza ta *Kavallier Security Services Limited*, sabiex din is-Socjeta tahdem ta agenzija ta gwardjani privati (ara DOK PC u PC1) li tidher illi harget fit- 27 ta Novembru 2008 (Ara fol 63 u 64 ). Fit-tieni xhieda taghha, Spettur Maria Stella Attard xhedet illi Baldachino Romano kien baqa jishaq maghha li ma kienx awtorizza lil Claudio Spiteri u lil imputat Debono biex johorgu l-ittra indikata a fol 74.

PC 443 fit-tieni xhieda tieghu, iccara illi l-imputat Debono kien applika fl-1 ta Ottubru 2008 u kien ta' l-isfond tal-esigenzji tal-kopertura tal-Assikurazzjoni li kellhom, liema kopertura kellha tigi terminate sabiex tigi trasferita ghas-Socjeta l' ohra. PC 443 ikkonferma li ghal xi raguni il-licenzja xorta harget bid-data iggib id- 27 ta'Novembru 2008.

Johann Baldachino Romano, Direttur tas-Socjeta *Personal Security Services* xhed illi l-imputat kien ghamel applikazzjoni ghan-nom tas-Socjeta meta hu (Romano) kien ghadu direttur taghha. Romano ikkonferma kien hemm disgwit bejnu u bejn il-*partner* tieghu u ammetta illi seta kien hemm *misunderstanding.* Jidher illi z-zewg socjetatjiet kellhom l-istess generu ta xoghol u jidher ili ma

kienx hemm fiducja bejn id-dirigenti taz-zewg socjetajiet. Dan id-disgwit bejn Romano u Claudio Spiteri sossegwentament gie rizolt.

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti, il-prosekuzjoni naqsu li tipprova l-akkuzi detotti kontra l-imputati sal-grad probatorju li tezigi il-Ligi fil-Kamp Kriminali u cioe lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Dan qieghed jinghad il ghaliex ebda xhud mressaq mill-prosekuzjoni ma ddikjara illi huwa talab ghal servizz ta gwardjan privat u jew gie ipprovdut b'dak is-servizz mill-imputati jew minn gwardjani privati provduti mis-socjeta *Kavallier Security Services Limited.*

Illi di piu l- prosekuzzjoni stess ezebit il-licenzja DOK PC a fol 63 li turi illi il-licenzja kienet valida sa 27 ta Novembru 2008, u cioe anqas minn hmistax il-gurnata mid-data tal-akkuza. Huwa kwazi superfluu jinghad illi kull dubju dwar id-data ta' din il-licenzja jmur favur l-imputati.

Illi di piu jidher bic-car illi ir-rapport maghmul minn Romano lil Pulizija dahal fiz-zmien meta kien hemm tizgwid u kompetizzjoni kbira bejn iz-zewg socjetajiet u li ftit wara Romano ma kellu ebda interess fil-kawza odjerna .

Illi ghal dawn il-mottivi il-Qorti issib lil imputati mhux hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u tilliberahom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------